# Qorti tal-Magistrati (Malta)

## Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.

Il-Pulizija

[Spettur anzjan Johann J Fenech]

vs

Joseph Pisani

Kumpilazzjoni Numru: 200/2015

Illum, 29 ta'  Marzu, 2021

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra **Joseph Pisani** detentur tal-karta tal-identita` numru 493073M akkuzat talli fl-20 ta' Frar 2015 u l-gimghat ta' qabel din id-data f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Gab ruhu b'mod li ta fastidju lil martu Claire Pisani u l-familja taghha, u b'mod li kien jaf jew kien imissu jaf li dan kien ta' fastidju ghal dawk il-persuni;

2. Bl-imgieba tieghu ikkaguna lil haddiehor biza' li se tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-propjeta' tieghu jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1) tal-Kap 9, meta kien jaf jew imissu kien jaf li l-imgieba tieghu se tikkaguna lil xi haddiehor hekk biza' kull darba minn dawk l-okkazjonijiet, kif ukoll

3. Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, hedded li jaghmel xi reat, jew bil-hsieb li jiehu xi flus jew xi haga ohra, jew biex jaghmel xi gwadann, jew bil-hsieb li jgieghel lil haddiehor biex jaghmel jew jonqos milli jaghmel xi haga, hedded li jakkuza jew li jaghmel ilment kontra, jew biex jimmalafama lil dik il-persuna jew xi persuna ohra; jew ghamel uzu iehor mhux xieraq bih.

Akkuzat ukoll talli fl-20 ta' Frar 2015 gewwa z-Zejtun:

4. M'obdiex l-ordnijiet legittimi ta' l-awtorita' jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku jew ma halliehx jew fixklu waqt li kien qed jaghmel id-dmirijiet tieghu, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmiru, billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi;

5. Ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuni ta' martu Claire Pisani u ibnu Jake Pisani skond kif iccertifika Dr. Mark Aquilina MD mic-centru tas-Sahha ta' Rahal Gdid kif ukoll fuq Claudio Ellul skond kif iccertifika Dr Damien Calleja Stafrace mic-Centru tas-Sahha ta' Rahal Gdid;

6. Hebb kontra Claire Pisani u Claudio Ellul sabiex jingurjahom, idejjaqhom jew jaghmlilhom hsara;

7. Ghamel ingurji jew theddid mhux imsemmijin band'ohra fil-Kodici Kriminali, jew jekk kien provokat, ingurja b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni.

8. B'xi mod iehor mhux imsemmi band'ohra fil-Kodici Kriminali, kiser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.

Il-Qorti hija gentilment mitluba tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artikolu 412(C) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll tapplika l-artikoli 383, 384 u 385 tal-istess Kap ghas-sigurta' ta' Claire Pisani u l-familja taghha, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija, ma' kull piena li l-Qorti jidhrilha xierqa.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti inkluz in-nota tal-Avukat Generali datata tmintax (18) ta' Frar 2016 fejn elenka l-Artikoli tal-Ligi li bihom qed jitlob li din il-Qorti tinstab htija u cioe':-

a. Fl-artikoli 17, 18, 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b. Fl-artikoli 251A, 222(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c. Fl-artikoli 251B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d. Fl-artikoli 49 tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta;
e. Fl-artikoli 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
f. Fl-artikoli 221(1), 222(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
g. Fl-artikoli 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

h. Fl-artikoli 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

i. Fl-artikoli 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

j. Fl-artikoli 412C, 383, 384, 385 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

k. Fl-artikoli 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-imputat ma kellux oggezzjoni wara li nqrawlu l-Artikoli tal-Ligi sabiex din il-Qorti tiddeciedi u tittratta dawn il-proceduri bhala sommarji;

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat il-fedina penali tal-imputat li hija wahda refrattarja;

Semghet ix-xhieda;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tittratta fuq allegat fastidju fost l-ohrajn u allegat griehi fuq l-ex mara tal-imputat Claire Pisani, kif ukoll fuq ibnu u

fuq hu l-ex mara tieghu Claudio Ellul. L-imputat qed jigi akkuzat ukoll talli ostakola lill-pulizija fil-qadi ta' dmirijiethom.

Illi mix-xhieda ta' <u>WPS 219 Erica Abela</u> fejn din spjegat kif dakinhar tal-incident mar l-ghassa Zejtun l-imputat u sab lill-*orderly* taghha fejn din qalet illi l-imputat kien agitat hafna u kellu xi feriti u dan beda jghajjat u jghid li kien ghadu kemm issawwat u li ried imur jaghmel ghall-familjari tal-mara tieghu. Hija tghid illi wara Joseph Pisani hareg jigri 'l barra u kien hemm pulizija 'l barra u dahal fil-vann tieghu qablu u hadlu c-cwievet u dan sabiex jipprevjeni illi jsir xi reat u dan rega' ddahhal fl-ghassa.

L-imputat gie arrestat fejn kellem lill-avukat tieghu Dr. Franco Galea mbaghad irrakonta illi hu l-mara tieghu Claudio Ellul u omm il-mara tieghu aggredewh u sawwtuh meta dan mar biex jiehu t-tfal tieghu. Ix-xhud esebiet ir-rapport ta' dan l-incident u li gie mmarkat bhala Dok. EA1 (fol 53).

Xehdet ukoll <u>WPC 342 Francesca Formosa</u> fejn din tghid illi fl-20 ta' Frar cemplet l-ghassa Zejtun il-mara tal-imputat fejn irrapurtat li dan kien qed isawwatha d-dar. Ftit wara dahal l-ghassa minn

jeddu Joseph Pisani fejn setghet tara li kellu xi tbengil u xi griehi u kien jidher agitat hafna fejn huwa stqarr li meta mar jigbor lit-tifel tieghu Jake daruh il-familjari tal-mara tieghu. Hu beda jghid illi minhabba f'hekk huwa kien ser jghid lill-familjari tieghu sabiex imorru ghall-familjari tal-mara tieghu. Hija tghid illi minnufih l-imputat hareg minn gewwa l-ghassa u sabiex jevitaw li jikkommetti reat hareg pulizija li fil-pront ha c-cwievet tal-vann tal-imputat u hemmhekk arrestawh.

Hija tghid illi wara li hadu lill-imputat il-polyclinic, kellmu lill-mara tieghu u lil huha fejn din stqarret illi l-imputat u huha bdew isawwtu lil xulxin.

Illi x-xhieda ta' <u>PC 841 Raymond Mallia</u> kkonfermat dak kollu li qalu l-kollegi tieghu aktar 'il fuq.

Xehed ukoll <u>PS 1429 Eric Mangion</u> li xehed illi fit-18 ta' Frar 2015 Claire Pisani rrappurtat l-ghassa taz-Zejtun li zewgha kien qed jiffittaha billi jigri warajha u anke jcemplilha. Illi dawn kienu ghaddejjin proceduri ta' separazzjoni f'dawk iz-zminijiet u sahansitra fis-16 ta' Frar 2015 il-Qorti Kriminali tal-Familja kienet

harget Ordni ta' Protezzjoni biex ma jikkomunika bl-ebda mezz maghha. Huwa jghid illi dakinhar huwa beda jcemplilha fuq it-telefon cellulari taghha izda hija ma bdietx tirrispondi u sahansitra mar l-iskola tat-tifel taghha u staqsiha jekk kinitx baghtet lil Jake l-iskola fejn hija qaltlu li mhux suppost ikellimha. Meta hija kienet qed taghmel dan ir-rapport rega' gie wkoll l-imputat fejn staqsa sabiex ikellem lit-tifel tieghu ghax kien ghadu kif ghalaq sninu. Is-surgent ipprezenta r-rapport inkwistjoni li gie mmarkat bhala Dok. EM1 (fol. 69).

Semghet ix-xhieda tal-parte civile **Claire Pisani** li wara li nghatat id-debita twissija xehdet illi:

> *"Nibda billi nghid li jiena ilni minn Settembru nigi ppersegwitatha minnu jiena, kelli nitlaq ukoll mid-dar permezz tal-pulizija ghax l-anqas karozza ma hallieli hadli anka c-cwievet u ilni minn dak iz-zmien naghmel rapporti u hu baqa jigri warajja sa tani xebghat barra t-triq, ma nista mmur imkien l-anqas fejn l-iskola. Bqajt nistenna sakemm tohrog Protection Order donnu iktar igravaw l-affarijiet jigifieri. Baqa' jcempilli, jigi fejn l-iskola, dan*

*f'temp ta; jumejn, gie warajja anka sa l-ghassa dhalt naghmel rapport".*

Hija tghid illi dakinhar tal-incident gie l-imputat jiehu t-tifel u meta ra li ma riedx imur beda jgebbdu sabiex imur mieghu u dan habat wiccu mal-bieb ta' barra t-tifel. Hija tghid illi meta rat dan ppruvat timbotta l-bieb b'saqajha u daqqa u l-hin l-imputat xejjrilha daqqa go wiccha. Meta semghu l-ghajjat nizlu ommha u huha Claudio Ellul u dan tal-ahhar tefghu mal-art. Dak il-hin gew il-girien jifirduhom imbaghad hi tghid li dahlet gewwa ghaliex semghet lit-tifla tikbi. Wara dan hija tghid illi cemplet l-ghassa. Hija kkonfermat certifikat mediku mmarkat bhala Dok. CP11.

Hija kompliet tghid illi saru diversi rapporti ta' fastidju kontra r-ragel taghha ghaliex il-hin kollu jipprova jcemplilha u jsibha barra biex ikellimha fejn hi qatt ma tirrispondih u fejn kien hemm xi theddid ukoll. Hija tghid illi l-imputat ghandu bzonn kura psikologika ghaliex dak li jaghmel mhux ta' persuna normali.

Xehdet ukoll omm il-parte civile **Maria Dolores Ellul** fejn qalet illi hija kienet dejjem thobb tinzel mat-tifla taghha Claire meta Joseph

Pisani kien jigi ghat-tfal. Tghid li dakinhar meta dawn kienu isfel jistennewh indunat li wahda mit-tfal nesiet xi basket u ghalhekk sakemm telghet lura fuq biex iggibu semghet ghajjat u meta nizlet sabet lil Claire u lil Joseph mqabbdin go xulxin. Meta nizel it-tifel taghha Claudio, rat lil Joseph dahal qisu bir-ras ghal go fih u Joseph waqa' mal-art u Claudio mar biex izommu. Din tghid illi wara gew il-girien jassistuhom. Hija tghid ukoll illi xi zmien qabel dan l-incident kienet cemplet lil Joseph sabiex tghidlu biex ma jkomplix bl-atteggjament tieghu u dan qallha illi ghalih xorta gewwa jew barra u beda jkellimha hazin.

<u>**Ikkunsidrat**</u>

Illi rat l-Ordni ta' Protezzjoni imposta fuq l-imputat nhar is-16 ta' Frar 2015 mill-Magistrat Anthony Vella (Dok. A – fol. 90 – 91).

Rat ukoll ic-certifikat mediku ta' <u>**Claudio Ellul**</u> ipprezentat minnu stess bil-gurament li gie esebit u mmarkat bhala Dok. CE1 u fejn dan inghata d-debita twissija u ghazel li jixhed u jghid illi dakinhar tal-incident gie l-imputat ghat-tfal u dawn ma ridux imorru mieghu, imbaghad beda jisma' hafna ghajjat. Ra li Jake ma riedx

johrog sabiex imur ma' missieru u jghid illi l-imputat gibdu mill-flokk u habbatlu wiccu mal-bieb. Dan jghid illi ma rax dan kollu ghaliex kien ghadu fuq izda ra lil Jake izomm wiccu. Jghid illi meta nizel l-imputat Joseph Pisani telaq lil ohtu Claire u gie ghal fuqu u beda jghidlu il-kliem *"tini, tini"*, u meta rah li kien gej ghalih dan waddbu mal-art ghaliex ma bediex jirrejagixxi ta' persuna normali. Huwa jghid illi meta kienu mal-art l-imputat baqa' jtih u hu ha skoss go dahru. Hu jghid illi waqt il-kollutazzjoni bdew jitkaxkru mal-art. Huwa jghid ukoll illi waqt l-argument l-imputat waqa' darbtejn, darba wahda habat mieghu u waqa' ghal wiccu u darb'ohra waqa' mal-art u habat mal-bankina.

Semghet ix-xhieda tat-tabib **<u>Dr. Mark Aquilina</u>** li kkonferma c-certifikat mediku ta' Jake Pisani (Dok. JFX - fol. 173) u fejn dan iccertifika li Jake kien qed isofri minn hmura fuq widnejh u fuq il-warda ta' wiccu.

Rat ir-rapporti pprezentati l-parte civile Claire Pisani kontra r-ragel taghha wara li bdew dawn il-proceduri (fol. 190 *et seq).*

Rat ix-xhieda pprezentata mid-difiza tal-imputat Joseph Pisani fil-proceduri quddiem din il-Qorti diversament presjeduta (Magistrat Aaron Bugeja) bl-ismijiet Pulizija v. Claudio Ellul.

Hadet ukoll konjizzjoni tar-ritratti esebiti mid-difiza Dok. FG1 li juru l-istat tal-griehi tal-imputat ezatt wara l-incident.

Rat ukoll id-dokumenti esebiti mid-difiza permezz ta' nota li biha esebew kopja tan-nota pprezentata mill-Agenzija Appogg fl-atti ta' ittra ta' medjazzjoni 1507/14 RGM fl-ismijiet Claire Pisani v. Joseph Pisani (Dok AAX1) u rapport tal-psikologa Carmen Sammut fl-atti tar-Rikors Guramentat 2/15AL fl-istess ismijiet (Dok. CSX1).

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

<u>**Ikkunsidrat:**</u>

Illi a rigward l-ewwel (1) akkuza jinghad illi ma hemmx dubju illi l-imputat ghandu jinstab hati ta' fastidju u dan wara li gew ipprezentati serje ta' rapporti mill-parte civile Claire Pisani kontrih fuq dawn l-akkuzi. Illi ghalkemm ma ghandhomx attinenza ghall-

perjodu tal-akkuzi odjerni izda pero' turi l-*animus* tal-imputat, huma s-serje' ta' rapporti ohra li ghamlet il-parte civile anke wara li bdew dawn il-proceduri. Illi din il-Qorti kellha l-okkazjoni li tesperjenza *di prima persona* l-komportament tal-imputat li bl-ebda mod ma kien joqghod ghad-direttivi tal-Qorti u jaghmel dak li kien jigi f'rasu ghax verament kien ikun konvint li hu kien il-vittma u li kien qed jissubixxi ingustizzja mill-mara tieghu u mill-gustizzja. Izda dan il-komportament jekk jibqa' jissussisti u jekk l-imputat ikompli jara lilu nnifsu bhala vittma, qatt ma jista' jirpilja f'hajtu u qatt ma jkun jista' jgawdi verament it-tfal tieghu.

Illi a rigward it-tieni (2) akkuza u cioe' dik tal-biza' ta' vjolenza jinghad illi ghalkemm ghal dan ir-reat irid ikun hemm ippruvat *a course of conduct* li f'dan il-kaz certament hemm dan, pero' mix-xhieda ta' Claire Pisani jew il-familjari taghha ma harigx illi huma kienu tant imbezza' mill-imputat li verament kienu qeghdin jibzghu ghal hajjithom u dan ghaliex kif xehdet hi stess kienet familjari hafna tal-komportament tieghu. Ghaldaqshekk din l-akkuza ma tinstabx ippruvata.

Illi a rigward it-tielet (3) akkuza u cioe' dik taht l-Art. 49 tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta, jinghad ukoll illi l-prosekuzzjoni ma gabitx il-prova tat-telefonata mertu ta' din l-akkuza u ghalhekk anke din l-akkuza ma tistax tigi ppruvata.

Illi r-raba' (4) akkuza titratta fuq li l-imputat ostakola x-xoghol tal-pulizija fil-qadi ta' dmirijiethom. Illi jinghad illi wara li sar l-incident mertu tal-proceduri odjerni, kien l-imputat li mar l-ghassa sabiex jghid x'kien gara u kif xehdu l-membri tal-pulizija dan kien fi stat agitat u konfuz ghall-ahhar. Illi meta kien qed jirrakonta l-incident dan f'daqqa wahda ddecieda li johrog barra biex imur x'imkien u kien f'dak il-hin li hareg jigri warajh il-pulizija sabiex iwaqqfu. Ghalhekk dan ma jistax jitqies illi b'xi mod l-imputat ipprova jwaqqaf lill-membri tal-pulizija sabiex jaghmlu xogholhom u ghalhekk anke din l-akkuza ma tinstabx ippruvata.

A rigward il-hames (5) akkuza u cioe' dik tal-feriti hfief kontra t-tifel tieghu Jake u kontra l-ex mara tieghu Claire u huha Claudio, jinghad illi ma ngabitx l-ebda spjegazzjoni plawzibbli mill-imputat (dan qed jinghad in vista tal-fatt li gab spjegazzjonijiet ghall-feriti tat-tifel u ta' Claudio Ellul) ta' kif gew il-feriti tal-mara tieghu

Claire. Illi mix-xhieda taghha hareg illi meta l-imputat ra illi l-minuri Jake ma riedx imur ghall-access mieghu dan sar agitat hafna tant li meta din bdiet tipprova taghlaq il-bieb huwa fajjrilha daqqa go wiccha. Illi dan jixhed ic-certifikat mediku li gie pprezentat mill-prosekuzzjoni u li gie mmarkat bhala Dok. JF11.

Illi a rigward il-feriti fuq wicc il-minuri Jake u anke kif ikkonfermat Claire Pisani li kienet l-uniku persuna li rat dan l-incident isir, dawn il-feriti fuq Jake sehhu mhux bl-intenzjoni specifika tal-imputat li jweggghu izda dan wegga' accidentalment meta l-imputat kien qed jigebbdu sabiex dan imur mieghu. Sfortunatament l-imputat irid jirrejalizza illi meta hu jkun qed jagixxi b'dan il-mod impulsiv dejjem tigri xi disgrazzja jew xi haga li taghmlu jidher ikrah u ghalhekk irid jirrejalizza illi l-affarijiet isiru minhabba effetti tal-komportament hazin tieghu.

A rigward il-feriti fuq Claudio Ellul hareg tul il-proceduri illi sija l-imputat kif ukoll Claudio kellhom xi griehi hfief fuq il-persuna taghhom. Dak li hu certu hu illi meta l-imputat ra lil Claudio gej biex jintervjeni dan mar jigri ghalih u qabel ma ghamillu xejn, Claudio Ellul waddbu fl-art bil-konsegwenza li t-tnejn garrbu

griehi hfief fil-kollutazzjoni. Fil-fatt Claudio Ellul ghadda proceduri hu wkoll quddiem dak iz-zmien il-Magistrat Aaron Bugeja liema proceduri din il-Qorti ma ghandhiex konjizzjoni ta' kif gew decizi. Illi kwindi ma harigx car jekk Claudio Ellul garrabx dawn il-griehi minhabba att volontarju tal-imputat jew jekk l-imputat kienx qed jirrejagixxi ghall-azzjonijiet tal-istess Claudio Ellul u ghalhekk din il-Qorti ma tistax issib lill-imputat hati li kkaguna griehi hfief fuq l-istess Ellul fuq nuqqas ta' provi.

Illi l-akkuzi sitta (6), sebgha (7) u tmienja (8) li huma kollha kontravenzjonijiet huma kollha ppruvati anke mill-fatti surriferiti. Jinghad ai fini tat-tmien (8) akkuza illi l-incident gara barra l-abitazzjoni ta' omm il-parte civile Claire Pisani u tant qajjem kommossjoni li xi girien hargu sabiex iferrqu lill-partijiet.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 18, 31, 251A, 221(1), 222(1)(a), 339(1)(d), 339(1)(e), 338(dd), issib lill-imputat **Joseph Pisani** hati biss tal-ewwel (1), il-hames (5) limitatament ghall-feriti subiti minn Claire Pisani, is-sitt (6), is-sebgha (7) u t-tmien (8) akkuzi u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundannah ghal ghaxar (10) xhur prigunerija li

qeghdin jigu sospizi ghal tmintax (18)-il xahar filwaqt li tilliberah mill-akkuzi l-ohra kollha fuq nuqqas ta' provi.

Il-Qorti qed timponi wkoll Ordni ta' Protezzjoni taht l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta a favur Claire Pisani ghall-perjodu ta' sentejn (2) u kif ukoll liema ordni qed tigi annessa ma' din is-sentenza.

Finlament il-Qorti spjegat lill-imputat Joseph Pisani fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk dawn l-ordnijiet ma jigux obduti.

---------------------------------------------

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**